

Appell ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2019 minn WB mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-23 ta' Jannar 2019 fil-Kawża T-329/18, WB vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-271/19 P)

(2020/C 27/12)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Partijiet

Appellant: WB (rappreżentanti: N. Ciocea, avvocatessa)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tat-3 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (is-Seba' Awla) ħadhet l-appell minħabba li kien manifestament infondat.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Mejju 2019 – Finanzamt München Abteilung III vs Dubrovin & Tröger GbR - Aquatics

(Kawża C-373/19)

(2020/C 27/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Finanzamt München Abteilung III

Konvenuta: Dubrovin & Tröger GbR - Aquatics

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċett ta' edukazzjoni skolastika u universitarja fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) u (j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾ jinkludi wkoll il-provvista ta' lezzjonijiet tal-għawm?
- 2) Ir-rikonoxximent ta' organu fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 bħala organu li għandu għan komparabbli ma' dawk ta' organi rregolati mid-dritt pubbliku li huma responsabbli mill-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh, edukazzjoni skolastika u universtiarja, taħriġ vokazzjonali jew taħriġ mill-ġdid, jista' jirriżulta mill-fatt li t-tagħlim ipprovdut minn dan l-organu huwa l-ksib ta' kompetenza bażika elementari (f'dan il-każ l-għawm)?
- 3) Jekk ir-risposta li tingħata għat-tieni domanda hija fin-negattiv, l-eżenzjoni mit-taxxa taħt l-Artikolu 132(1)(j) tad-Direttiva 2006/112 teħtieġ li l-persuna taxxabli jkun imprenditur individwali?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1 u rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.